MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 443/2008

**Cinque Stelle Limited (C 26073)**

**vs**

**Sebastiano Guccione**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, mitejn u tnax-il ewro u disghin centezmu (€2,212.90), rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ oggetti ta’ gibs mibjugha u kunsinjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Jannar, 2008 u bl-imghaxijiet legali mill-ittra interpellatorja kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa` ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-30 ta' Settembru, 2008 mill-Avukat AbigaIl Galea u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------